**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru, 2016**

Kawza Numru: 266/2016JB

Numru: 57

**Alsons Limited (C5257)**

***vs***

**Theresa Scicluna (K.I.: 927850M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar id-19 ta' Lulju 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin euro (€225) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz ta' fajjenza u spejjez ancillari;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti, il-Konvenuta naqset milli tipprezenta risposta;

Ra li ghad li t-Talba kienet appuntata ghas-seduta tal-lum, deher biss rapprezentant tas-Socjeta Attrici li kkonferma t-talba attrici;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali. Inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament li jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenuta – ghad li debitament notifikata – ma kkontestatx il-kawza. Mill-banda 'l ohra, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €225 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mill-1 ta' Awissu 2016, data tan-notifika tal-kawza (a fol 4). L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*